**MINUTI**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Floriana

## Laqgħa Nru. 22-07/2016

Data: 24 t' Ottubru 2016

Hin: 5.00pm

Post: Uffiċju Amministrattiv, Kunsill Lokali Floriana

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Davina Sammut Hili | – *Sindku* |
| | Vincent Borg | – *Viċi Sindku* |
| | Albert Demarco | - *Kunsillier* |
| | Matthew Paris | - *Kunsillier* |
| | James Aaron Ellul | - *Kunsillier* |
| | Svetlick J Flores | – Aġent *Segretarju Eżekuttiv* |
| Skużati: | 0 | |
| Assenti: | Michaela Farrugia (Ambaxxatur Lokali taż-żagħżagħ) | |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Mistoqsijiet lis-Sindku;
6. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati;
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji;
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet;
9. Offerti Pubbliċi

15 Pjazza E.S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21236951 E-Mail: floriana.lc@gov.mt

10. Ġemellaġġ ma Maċerata
11. Skema ta Parkeġġ Residenzjali
12. Proġetti u Xogħlijiet
13. Traffiku u parkeġġ
14. Ġonna u Soft areas
15. Post-Mortem Attivita "Ġenna ta Ġonna"
16. Attivita' "Qalb Furjaniza, Qalb Ħanina"
17. Attivita' "Festival Nazzjonali tal-logħob tan-Nar tal-Art Mekkazzat – XI
18. Website tal-Kunsill
19. Akkademja tal-Futbol ta Justin Haber
20. Aġġornament.

## Minuti - 22-07/2016

Is-Sindku talbet sospenzjoni tar-regolamenti, u tat merħba lis-Sinjura Marie Lourdes Lautier, il-persuna magħżula biex tokkupa il-kariga ta Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Loklai tal-Floriana. Hija infurmat li s-Sinjura Lautier ser tkun qed issegwi l-laqgħa.

# 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet il-minuti tal-għoxrin (21)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

**NB. 5.06 – Il-Kunsillier Matthew Paris attenda għal-laqgħa**

1.1.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Matthew Paris favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'1.1. Ittieħed vot bir-riżultat kien:

Favur: 4 (JAE, MP, DSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

1.1.2. Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill mis-Sindku Davina Sammut Hili u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Svetlick Flores

# 2. Punti Imqajjma mill-Minuti

2.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul għamel referenza għal materja 3.1, li tirrigwarda eżerċizzju sabiex jiġi ikkontrollat il-ħamiem, u staqsa dwar il-proċess

2.1.1. Is-Sindku infurmat li l-proċess beda, u fi ftit ġranet inqabdu il fuq minn ħamsin (50) ħamiema selvaġġa

2.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul għamel referenza għall-materja 5.1 li tirrigward l-waqfa tal-Park and Ride fil-Floriana, u staqsa jekk kienx hemm żviluppi.

2.2.1. Il-Viċi Sindku Vincent Borg wieġeb li huwa tkellem mas-Sur Michael Cohen, u ser ikunu qed jaħdmu fuq avviż relevanti

2.3. Il-Kunsillier James Aaron Ellul għamel referenza għall materja 5.5 li tirrigwardja l-ħmieġ taż-żwiemel, u staqsa jekk kienx hemm risposti.

2.3.1. Il-Sindku infurmat li intbagħat l-ilment lil Pulizija u lil Onorevoli Galdes.

2.4. Il-Kunsillier James Aaron Ellul għamel referenza għal materja 15.1 li tirrigwarda twaħħil ta tabella kontra t-tmieħ tal-ħamiem fuq il-fosos.

2.4.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrimarka li din twaħħlet, u ser ikun qed jeħlu iktar addizjonalment ma din. Fil-ġranet li ġejjin.

2.4.2. Is-Sindku infurmat ukoll li twaħħlu tabelli li jirrigwardjaw ħmieġ tal-klieb fil-ħamrija ta diversi ġonna, iżda irrimarkat li sfortunatament, sa l-għada li twaħħlu, insterqu 3 tabelli.

2.4.3. Il-Kunsillier Matthew Paris irrimarka dwar il-bżonn li jinbidlu ukoll il-mapep tal-lokalità, u t-tabelli informattivi tal-*heritage trail*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li għaddej il-proċess ta ġbir ta kwotazzjonijiet ta dawn il-pannelli u tabelli.

## 3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat lill-Kunsilliera dwar talba mill-Floriana Senior Citizens sabiex issir rampa quddiem il-faċilitajiet tagħhom, għal iktar aċċessibilta.

3.1.1. Is-Sindku infurmat li t-talba ma setgħatx tintlaqa kif proposta mill-istess għaqda, madankollu sar arranġament simili, u fejn żdiedet l-aċċessibilta fil-kantuniera biswit..

**NB: 5.14pm – Il-Kunsillier Albert Demarco attenda l-laqgħa.**

3.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili tkellmet dwar l-attivitajiet li jorganizza l-kunsill għaż-żmien tal-Milied

3.2.1. Il-Kunsill qabel li tinżamm l-ikla tal-Milied tal-Kunsill u l-Amministrazzjoni fl-14 ta Diċembru 2016, fl-għaxija

3.2.2. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jorganizza ikla għar residenti. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju, li huwa jassumi r-rwol tal koordinatur, fejn dawk interessati li jattendu, iħallsu għal attività. Il-Kunsill qabel li din għanda issir fid-9 ta Diċembru 2016.

3.2.3. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jorganizza attività żgħira fid-dar tal-anzjani bħas-snin imgħoddija. Il-Kunsill qabel unanimament,

3.3. Is-Sindku infurmat li twaħħlet sistema ta CCTV fuq il-fosos.

3.3.1. Il-Kunsill qabel li d-direttorat tat-tindif jingħata aċċess għal din il-kamera, u kameras oħra, sabiex ikun jista' isir moniteraġġ.

# 4. Korrispondenza

4.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza riċevuta mill-Moviment Kerygma, datata 16 t'Ottubru 2016, li tirrigwarda l-Premju Żagħżugħ tas-sena 2016, u li l-applikazzjonijiet jagħlqu l-Ġimgħa 11 ta Novembru 2016.

4.1.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li l-Kunsillier jaħsbu u jipproponu kif jitlob il-każ.

4.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza riċevuta mis-soċjetà tal-Istorja u Kultura tal-Floriana, fejn talbu li tinżamm taħdita dwar it-twelid tal-Floriana, minn Dr William Zammit fis-Sala tal-Kunsill, nhar il-Ħamis 27 t'Ottubru 2016, kif ukoll talbu l-għajnuna tal-Kunsill u l-attività' tittella' konġunta.

4.2.1. Il-Kunsillier Matthew Paris irringrazzja lil kull min ikun volontarju f'din l-għaqda, però irrimarka li primarjament, il-Kunsill għandu jiltaqa' mar-rappreżentanti, sabiex jinftiehem eżatt xhinu l-irwol u l-iskop ta din l-għaqda, u sussegwentement, il-Kunsill ikun jista' jkun f'pożizzjoni aħjar biex jiddeċiedi kif ikun jista' jgħin. Dan kollu wara li huwa jinsab infurmat li din l-għaqda kienet ilha snin ma tiffunzjona, u ma jafx l-istatut x'jgħid dwar dan.

4.2.2. Il-Kunsillier Matthew Paris staqsa lis-Aġent Segretarju Eżekuttiv jekk din l-Għaqda hijiex reġistrata mal-Kunsill. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li l-Għaqda hija reġistrata, però jidher li l-Għaqda m'aġġornatx id-dettalji tagħha fix-xhur riċenti.

4.2.3. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li hija kellha diskussjoni ma l-ex-Sindku Nigel Holland, minħabba li l-għaqda ippretendiet tweġiba għat talba tal-għaqda qabel il-laqgħa tal-Kunsill.

4.2.4. Is-Sindku infurmat ukoll li hija kienet aċċettat il-kariga ta President Onorarju fi ħdan din l-għaqda, madankollu ma kellix iktar dettalji, u lanqas kienet infurmata dwar dati tal-laqgħat. Meta hija ressqet dan il-punt lis-Sur Holland, ingħatat tweġiba li bħala President Onorarju ma t tiġix informata b'tali dati. .

4.2.5. Il-Kunsillier Matthew Paris irrimarka li meta għamel sejħa lil-għaqdiet għal parteċipazzjoni f'Ġenna ta Ġonna, din l-għaqda ma rrispondietx sad-data indikata, iżda rrispondiet għaxar (10) ġimgħat wara, bi proposta li ma kienx possibbli issir, minħabba li dak li talbu, kien diġà miftiehem ma għaqda oħra.

4.2.6. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jitlob laqgħa mar-rappreżentanti ta din l-għaqda. Fir-rigward tat-talba għal użu tas-Sala, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bis-Soċjetà tagħmel tajjeb għal ispejjeż u ħlasijiet relevanti.

4.3. Is-sindku ressqet korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, u infurmat li l-Laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki ser issir 5 ta Novembru. Hija infurmat li għaliha ser jattendu is-Sindku Davina Sammut Hili, u l-Davina u Vince Borg.

4.4. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva talba mill-Water Services Corporation, fejn, talbu, li qabel jingħata l-asfalt kif maqbul, fi Pjazza Ġwanni Pawlu XXIII, Triq John Lopez, u Triq l-Isqof Mauro Caruana, isiru t-tiswijiet neċessarji fis-sistema tad-drenaġġ li hemm fi Triq l-Isqof Mauro Caruana skont il-bżonn

4.4.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li l-ispiża għanda tiġi assorbita minnom, u f'każ li dawn ma jaċċettaw, il-Kunsill jiddiskuti.

4.5. Is-Sindku ressqet korrispondenza li kienet għaddejja bejn l-Enemalta is-Sur David Vella, u s-Sur Cardona, li tagħha il-Kunsill irċieva kopja, fejn is-Sur Cardona qed jitlob sabiex il-kaxxa tad-dawl li hemm imwaħħla mal-abitazzjoni tiegħu, tinqala u titwaħħal x'imkien ieħor.

4.5.1. Il-Kunsill innota li l-Enemalta ma ssibx oġġezzjoni għal dan, u tefat l-*onus* fuq il-Kunsill.

4.5.2. Il-Kunsill madankollu innotat li din il-kaxxa, inkluż il-meter tad-dawl, mhumiex tal-Kunsill, u għaldaqstant, il-Kunsill ma jistax jassumi responsabiltà ta dan, madankollu, il-kunsill qabel li ma jsib l-ebda oġġezzjoni sabiex dan l-apparat jiċċaqlaq.

4.6. Is-Sindku ressqet korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, Direttiva 4/2016 li titratta dwar l-użu tal-għodda tal-midja soċjali.

4.6.1. Il-Kunsill innota li immedjatament, saru l-aġġustamenti fuq il-paġna tal-Facebook, sabiex il-Kunsill ikun konformi, minbarra l-isem.

4.6.2. Il-Kunsill ma jaqbilx mal-isem li għandu jintuża, minħabba li ġie propost li dan ikun bl-Ingliż, meta l-lingwa uffiċjali tal-pajjiż huwa l-Malti.

**NB: 5.47 pm. Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jkun skużat.**

4.7. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza riċevuta mingħand is-Sur Pierre Azzopardi, fejn talab li, l-Kunsill jieħu f'idejħ iż-żamma u l-manutenzjoni tan-niċċa li tinsagħab fit-telgħa tal-Kurċifiss.

4.7.1. Il-Kunsill innota li huwa kellu ftehim mas-Sur Azzopardi sabiex il-Kunsill iħallas sehmu mill-kont tad-dawl, ladarba jintuża ukoll għal mappa tal-lokalità.

4.7.2. Il-Kunsill qabel li jiltaqa' mas-Sur Azzopardi sabiex jiddiskuti il-passi neċessarji.

## 5. Mistoqsijiet lis-Sindku

5.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul staqsa lis-Sindku dwar il-ġbir ta skart u tindif fejn il-Knisja tal-Kapuċċini.

5.1.1. Is-Sindku infurmat li skart iġġenerat mill-kunvent ma jinġabarx mill-Kunsill.

5.1.2. Is-Sindku infurmat ukoll li ser jiġi avviċinat il-kuntrattur tas-Soft Areas, sabiex jieħu ħsieb iż-żona imsemmija. Il-Kunsill qabel ukoll li l-istess kuntrattur jintalab inaddaf iż-żona, li tinkludi it-tarag u l-passaġġ li jagħti għal mina ta ħdejn Binja Vilhena

5.1.3. Il-Kunsill qabel ukoll li ssir riċerka x'jista' jsir fiż-żona ta ħdejn Binja Vilhena sabiex iż-żona tibqa nadifa.

5.2. Il-Kunsillier Albert Demarco staqsa jekk il-Kunsill għandux statistika tal-età tal-popolazzjoni tal-Floriana

5.2.1. Is-Sindku wieġbet fin-negattiv.

## 6. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

6.1. Is-Sindku ressqet għal attenzjoni tal-Kunsill minuti ta' laqgħat numru Tlieta, Erbgħa u Hamsa tas-sottokumitat tal-Ambjent u Ndafa, liema minuti ġew iċċirkolati mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

6.1.1. Is-Sindku żiedet tgħid li fit-3 laqgħa, hekk kif jixhdu l-minuti ingħatat l-impressjoni mis-segretarju tal-Kumitat li ma kienx qed jingħata informazzjoni biżżejjed biex jesegwixxi r-rwol tiegħu. Iżda din il-kwistjoni ġiet iċċarata fil-laqgħa ta' wara fejn ġie ikkonfermat li kellu awtorita' biżżejjed biex jikseb l-informazzjoni meħtieġa.

**NB – 5.59pm – Il-Kunsillier Matthew Paris reġa' ingħaqad mal-mejda.**

6.1.2. Il-Kunsillier Matthew Paris irrimarka li waqt laqgħa partikolari ta dan is-sottokumitat, qamet għad-diskussjoni l-attività ta Ġenna ta' Ġonna, anke jekk din l-attività ma taqax fir-responsabiltà ta dan is-sottokumitat. Huwa semma fejn fost punti li ġew diskussi kien hemm il-punt li l-attività issir fl-għaxija. Il-kunsillier Paris irrimarka li jekk dan isir, l-ispejjeż relatati jiżdiedu b'mod esaġerat minħabba li dan ikun jirrikjedi li jinxtegħlu l-ġonna u l-attrazzjonijiet kollha b'dawl artifiċjali. Huwa żied jgħid li l-fatt li din l-attività' issir filgħodu huwa wkoll ta vantaġġ minħabba li toffri attrazzjoni differenti, u mhux bħal attivitajiet ta lokalitajiet oħra.

6.2. Il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħat imsemmija f'materja 6.1.

# 7. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji

7.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ippreżentat l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 18/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa.

7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku Vince Borg, issekondata mill-Kunsillier Matthew Paris, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti bir-riżultat kien:

Favur: 5 (VB, MP, DSH, JAE, AD)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili irrimarkat li minħabba bidla fis-Segretarju Eżekuttiv, u minħabba li din il-bidla ser issir qabel l-aħħar xahrejn tas-sena, huwa rakkomandat li jsir mid-term Audit.

7.2.1. Il-Kunsill innota li l-bidla fis-Segretarju Eżekuttiv ser issir proprju 3 ijiem tax-xogħol qabel l-aħħar xahrejn tas-sena.

7.2.2. Il-Kunsill innota li tali mid-term jfisser spiża ta madar €4,500, mill-fondi tal-Kunsill.

7.2.3. Il-Kunsill innota li l-Kunsill għandu prijoritajiet iktar importanti ta kif jintefqu fondi pubbliċi, għal ġid tal-lokalità.

7.2.4. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-imsemmi mid-term Audit ma jsirx, u jsir biss l-audit ta l-aħħar tas-sena.

## 8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet il-mozzjonijiet imressqa lil Uffiċju Amministrattiv, sad-data tal-għeluq, li kienu iċ-ċirkolati minn qabel u għaldaqstant ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

8.2. Mozzjoni 1

Ġaladarba fil-lokalità tal-Floriana teżisti storja importanti dwar il-vapur tal-art, jinbeda proċess sabiex isir mużew b'kollaborazzjoni mal-Malta Railway Foundation, dwar il-vapur tal-art. Is-sit hija kamra li tinsab sitwata ħdejn l-entratura għal ġnien San Filippu, li bħalissa tinsab f'idejn il-Gvern Ċentrali. Għaldaqstant isir talbu uffiċjali għal devoluzzjoni ta' din l-istess kamra.
*(Proponent – Dr Matthew Paris, sekondant, James Aaron Ellul)*

8.2.1. Il-Kunsillier Matthew Paris spjega fid-dettall il-mozzjoni imressqa.

8.2.2. Il-Kunsill iddiskuta dan il-proġett fid-dawl tal-fatt li ser ikun hemm riġenerazzjoni fil-ġonna tal-biswit, minn Bieb il-Belt, proprju sa Ġnien l-Argotti.

8.2.3. Il-Kunsill qabel unanimament fil-prinċipju, u għaldaqstant qabel li jiġi varat il-proċess tat-talba għal-devoluzzjoni.

8.2.4. Is-Sindku Davina Sammut Hili pproponiet ukoll sabiex issir laqgħa mal-Onorevoli Dr Herrera. Sabiex jiġi diskuss dan il-proġett fl-ambitu tar-riġenerazzjoni imħabbra mil-Gvern Ċentrali.

8.3. Mozzjoni 2

Bħala kampanja sabiex inkomplu inħeġġu riċiklaġġ fil-lokalità, nibdew kampanja li permezz tagħha niġbru fliexken tal-plastik. Ta' flixkun tal-plastik resident jġib il-kunsill, il-persuna tingħata punt. L-aktar persuna li jġib punti jirbaħ il-premju annwali "Ambjentalist Furjaniż tas-sena" (Premju jingħata fis-serata tal-premjijiet). Bil-fliexken, ser nagħmlu diversi affarijiet għal attività Ġenna ta' Ġonna tas-sena ta' wara.
*(Proponent – Dr Matthew Paris, sekondant, James Aaron Ellul)*

8.3.1. Il-Kunsillier Matthew Paris spjega fid-dettall il-mozzjoni.

8.3.2. Il-Kunsillier Paris irrimarka li tali fliexken ser jintużaw sabiex isiru pavaljuni bil-qiegħ tal-fliexken, għal attività Ġenna ta Ġonna 2017.

8.3.3. Il-Kunsillier issuġġerixxa, sabiex kullħadd ikun infurmat, tintbagħat ittra f'kull residenza.

8.3.4. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel unanimament.

8.4. Mozzjoni 3

Illi wara s-suċċess ta' Ġenna ta' Ġonna, u wara diversi laqgħat informali, hemm il-ħtieġa li inżidu numru ta' planters fil-lokalità, għaldaqstant qiegħed jiġi propost li jiġu installati diversi planters, bi fjuri friski, f'diversi zoni fil-lokalità.
*(Proponent – Dr Matthew Paris, sekondant, James Aaron Ellul)*

8.4.1. Il-Kunsillier Matthew Paris spjega fid-dettall il-mozzjoni, fosthom it-tip ta planters, li huma planters mdendlin fil-għoli, kif ukoll iż-żoni.

8.4.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel fil-prinċipju, li għandhom jinġabu l-istimi relevanti, inkluż il-manutenzjoni ta tali planters.

8.5. Mozzjoni 4

Sabiex nagħmlu talba lil Ministeru ta' Joe Mizzi sabiex jissupplixxu żebgħa u jagħtu permess lil Kunsill sabiex taħt il-loġoġ jingħata l-attenzjoni xierqa u opportun
*(Proponent – Dr Matthew Paris, sekondant, James Aaron Ellul)*

*8.5.1.* Is-Sindku Davina Sammut infurmat li proprju ftit tal-ġranet qabel waslet il-mozzjoni, tali talba saret minna, lil-Ministru Mizzi.

8.6. Mozzjoni 5

Sabiex nistaqsu il-għalhiex fil-baġit 2017 kien hemm inkluż fid-dokument pjan ta' riġenerazzjoni għall-Belt Valletta u kif ukoll għall-Marsa, madanakollu fl-ebda punt ma ssemma' pjan għar-riġenerazzjoni għal-lokalita tagħna'.

Mozzjoni għal diskussjoni dwar dan, ma min se nagħmlu kuntatt kif ukoll biex nerggħu npoġġu fuq quddiem il-pjan tar-riġenerazzjoni li kien magħmul għall-forum.
*(Proponent – James Aaron Ellul, Sekondant Dr Matthew Paris)*

8.6.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li f'kull lokalità madwar il-Florian qed issir, jew hemm pjanat li ssir riġenerazzjoni. Iżda dak li qied isir fil-Floriana, mhux biżżejjed.

8.6.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili irrimarkat li fix-xhur li għaddew, intabagħtu diversi korrispondenza lil Awtoritajiet dwar dan, inkluż lil Prim Ministru u hawnhekk hija qrat siltiet minn korrispondenza li intbagħtu. Hija qalet li fl-aħħar komunikazzjoni, kien ġie indikat li l-Awtrita tal-Ippjanar għanda iktar informazzjoni, għaldaqstant hija pproponiet sabiex issir tali laqgħa mas-CEO tal-Awtorità tal-Ippjanar.

8.6.3. Il-Kunsillier James Aaron Ellul staqsa dwar il-laqgħa li kellha ssir ma l-Onorevoli Deborah Schembri. Is-Sindku infurmat li din kellha tiġi kanċellata minħabba raġunijiet ta saħħa, fejn anke kienet rikoverata l-isptar.

8.6.4. Il-Kunsillier Paris irrimarka li huwa anke tkellem fuq il-midia soċjali ma min jikkritika, u stieden lil diversi persuni jattendu għal laqgħat tal-Kunsill sabiex jaraw x'ikun għaddej u jipparteċipaw, però sfortunatament, ma kienx hemm membri tal-pubbliku preżenti, inkluż din il-laqgħa. Huwa qal Il-Kunsill mhux ser joqgħod jiġġieled fuq ċuċati jew fuq sempliċiment

titolu, imma jiffoka l-enerġija biex veru issir xi ħaġa ta ġid. Huwa żied jgħid li l-Kunsill ma jridx joqgħod jistenna l-Gvern Ċentrali, ikun min ikun, iżda il-Kunsill irid imidd idu, bil-ftit ħin disponibbli, u mingħajr ma jaqta qalbu

8.6.5. Il-Kunsillier Paris għamel referenza għal Għar–Riġenerazzjoni tal-Floriana fejn irrimarka li dan ġie mibni speċifikament b'membri, u l-Kunsill huwa biss wieħed mill-membri, biex żgur ikun hemm l-involviment ta kull parteċipant, u l-Kunsill ma jkollux vantaġġi, iżda sfortunatament, l-attendenza għal-laqgħat bdiet tonqos maż-żmien

8.6.6. Is-Sindku Davina Sammut Hili pproponiet li ssir konferenza stampa quddiem bini abbandunat, u fejn il-Kunsill iressaq il-*masterplan* tiegħu.

8.7. Mozzjoni 6

Tul l-aħħar żmien, bħala kunsill ircivejna numru ta' ilmenti dwar il-funtani tal-ġonna tagħna. Funtani li qed ikun hemm ilmenti ta' ħmieġ li jista' wkoll jikkawza mard permezz tan-nemus.

Sabiex niddiskutu dan fid-dettall fejn insibu soluzzjoni ghal din il-problema fejn fost l-oħrajn permezz ta' dan nittama li joħorġu l-beneficcju tan-nuqqas ta' spejjez li dan qed ikun ta' piż fuqna bhala Kunsill u kif ukoll it-tisbieh tal-gonna taghna.
*(Proponent – James Aaron Ellul, Sekondant Dr Matthew Paris)*

8.7.1. Il-Kunsill qabel li jiġu studjati suġġerimenti kif ser titneħħa din il-problema, liema suġġerimenti jiġu diskussi fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**NB – 6.56 pm – Il-Kunsillier MP talab li jkun skużat sabiex jattendi għal-laqgħa tal-Forum għar-Riġenerazzjoni tal-Floriana .**

## 9. Offerti Pubbliċi

9.1. Is-Sindku infurmat li fis-sena 2017, jagħlqu numru ta kuntratti, fostom
Servizz Professjonali ta' Perit,
Servizz Professjonali ta' Avukat,
Servizz ta Knis u Tindif ta toroq,
Kiri tal-Gabbana taċ-Ċentru Rikreattiv Re Ġorg V

9.1.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li l-offerti tal-Perit, Avukat, u tal Kiri tal-Gabbana joħorġu abbażi tal-Kuntratt preċedenti.

9.1.2. Il-Kunsill qabel li l-Offerta għal Knis u Tindif ta Toroq għanda tiġi diskussa iktar fid-dettall sabiex tinsagħab soluzzjoni għal numru ta nuqqasijiet u abbużi.

9.1.3. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-possibbiltà li jiġi introdott servizz ta *Contracts Manager,* liema servizz, u għaldaqstant qabel li din il-materja tiġi diskussa iktar fid-dettall fil-laqgħa li jmiss.

## 10. Ġemellaġġ ma' Macerata.

10.1. Il-Kunsill qabel li fil-ġimgħat li ġejjin, għandu jintbagħat invit formali lil Comune ta' Macerata, sabiex jattendu għal Festa tal-Lokalità, u għaldaqstant hemm bżonn li jibdew il-preparamenti neċessarji.

10.2. Is-Sindku fakkret li l-festa ser tinżamm bejn it-28 u t-30 t'April 2016.

## 11. Skema ta Parkeġġ Residenzjali.

11.1. Il-Kunsill innota li preżentement qed jinġabu l-kwotazzjonijiet neċessarji sabiex jinbidlu il-permessi eżistenti.

11.2. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li dan il-proċess huwa proċess li jirrikjedi ħafna xogħol, u ser tkun qed tagħti direzzjoni dwar dan is-Segretarju Eżekuttiv il-ġdida fil-ġranet li ġejjin.

## 12. Proġetti u Xogħolijiet

12.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li Astrid Vella, mill-Fondazzjoni għal Ambjent Aħjar uriet ix-xewqa li jsir proġett fil-Ċentru Rikreattiv Re Ġorg V fejn qabel kien l-ideja li jsir piċċ tal-boċċi. Il-Kunsill qabel li jitkomplew id-diskussjonijiet.

## 13. Traffiku u Parkeġġ

13.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li fi Triq San Franġisk hemm spazju ta parkeġġ għal persuni b'abbiltajiet differenti li qed jintuża b'mod abbużiv.

13.1.1. Il-Kunsill qabel li tintalab iktar sorveljanza mill-Gwardjani Lokali.

13.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul, irrimarka li s-senjalazzjoni biex jieqfu l-karozzi fi Triq il-Kapuċċini, Kantuniera ma Pjazza Robert Sammut (ħdejn l-Island Sound) hemm bżonn li tiġi ffriskata minħabba li ċċarat u l-karozzi qed jibqaw ħerġin. Il-Kunsill qabel ukoll li tali senjalazzjoni għanda ssir b'mod aħjar.

13.3. Il-Kunsillier James Aaron Ellul irrimarka li fejn il-Klinika, sar spazju ta "*No Parking*"

13.3.1. Il-Viċi Sindku Vince Borg irrimarka li dak l-ispazju kien minn dejjem senjalat bl-isfar biex ma jsirx parkeġġ, minħabba li min jipparkja hemm, ikun qed jipparkja fuq is-saqaf tal-bini tal Young Falcons. Huwa irrimarka, li sabiex jinqata l-abbuż, saru bollards, u katina.

13.4. Il-Kunsillier James Aaron Ellul irrimarka li Triq San Tumas, kantuniera ma Triq il-Kapuċċini hemm bżonn ta mera tat-traffiku. Il-Kunsill qabel li titwaħħal waħda.

13.5. Il-Viċi Sindku Vince Borg, irrimarka li fi Triq San Franġisk,, kantuniera ma Triq Pietro Floriana, eżattament kantuniera ma Agius Printing Press, vetturi qed jipparkjaw bl-*exhaust pipe* in-naħa tal-bankina, u b'hekk id-dħaħen qed ikunu fid-direzzjoni tar-residenti. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru tabelli sabiex il-vetturi jipparkjaw bl-*exhaust pipe* il-barra.

## 14. Ġonna u Soft Areas

14.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul irrimarka li l-kappelluni tal-ġebel il-maqlugħin, ta fuq il-kolonni ta' Ġnien il-Mall, għadhom ma trangawx, u għalhekk talab li tintbagħat notifika.

14.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul irrimarka li s-soft area ta ħdejn il-parkeġġ tal-Floriana Football Club għandha bżonn l-attenzjoni, u għalhekk talab li tintbagħat notifika.

14.3. Il-Kunsillier James Aaron Ellul irrimarka li wara li għamel pressjoni bil-midja soċjali, il-kamera tas-sigurtà ħdejn il-Bombi tneħħiet mill-Ministeru tal-Infrastruttura, iżda mis-sovrintendenza tal-Wirt Storiku, avolja intbagħtet diversi korrispondenza dwar dan.

14.3.1. Is-Sindku infutmat li din l-entita' hadet azzjoni biss meta kien qed jagħmel proġett il-Kunsill, u għalhekk hi sostniet li ma tintużax l-istess riga ma kullħadd

14.4. Il-Viċi Sindku Vince Borg qal li avviċinaħ is-surmast tal-iskola primarja sabiex jorganizzaw attività ta tħawwil ta siġar u jieħdu ħsiebhom huma. Dan l-eżerċizzju ser isir permezz ta sponsorship. Huwa issuġġerixxa taħt il-forka. Huwa żied jgħid li ser jiltaqa' mas-surmast fd-8 ta' Novembru sabiex jiddiskuti fid-dettall.

## 15. Post Mortem - Attivita' Ġenna ta' Ġonna

15.1. Il-Kunsill qabel li din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss ladarba il-Kunsillier responsabbli talab li jkun skużat kif indikat qabel.

## 16. Attivita' "Qalb Furjaniża, Qalb Ħanina"

16.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul bagħat lil diversi għaqdiet identifikati sabiex jieħdu parti mill-fondi li ser ikunu miġbura.

16.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul talab li isir filmat bħas-sena l-oħra, fejn ħames personaġġi Furjaniżi jgħaddu il-messaġġ tagħhom. Il-Kunsill qabel li l-personaġġi għandhom ikunu is-Sur Kevin Borg, is-Sur Henry Frendo, is-Sur Riccardo Gaucci, is-Sur Norman Hamilton, u s-Sur Dennis Cauchi magħruf bħala il-Majs.

16.3. Il-Kunsillier James Aaron Ellul informa li t-turnament tal-futbol huwa pjanat għal ewwel ġimgħa ta Diċembru, u ser isir possibbilment fi grawnd barra l-lokal peress li hemm bżonn ta grawnd kbir. Il-Kunsill qabel li jħallas il-midalji.

16.4. Il-Kunsill qabel li jintbagħtu ittri lir-residenti u lil entitajiet kummerċjali, iżda dan għandu jsir wara konsultazzjoni mal-Arċipriet.

## 17. Attivita' "Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat – XI Edizzjoni"

17.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li dan ser isir is-Sibt, imma f'każ ta maltemp, ma jistax isir il-Ħadd minħabba li ser ikun hemm il-Festival tan-Nar tal-Port il-Kbir. Il-Kunsill qabel li f'każ ta maltemp, dan għandu isir it-Tnejn.

## 18. Website tal-Kunsill.

18.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul tkellem fuq il-website, u ressaq numru ta kwotazzjonijiet miġbura.

18.1.1. Wara diskussjoni libera il-Kunsill qabel li jmur għal irħas kwotazzjoni, dik sottomessa mis-Sur Stephen Barbara, total ta €800.

## 19. Akkademja tal-Futbol ta' Justin Haber

19.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li ħarġu l-applikazzjonijiet tal-Akkademja ta Justin Haber u għaldaqstant il-Kunsill għandu l-fakulta li jinnomina żewġ parteċipanti.

19.1.1. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill hareġ l-applikazjzonijiet, u sa dik il-ġurnata, daħlet applikazzjoni waħda.

## 20. Aġġornament tal-Laqgħa

20.1. Il-laqgħa ġiet aġġornata għat Tnejn 28 ta' Novembru 2016 fil-5.00. p.m

Il-Laqgħa intemmet fis-7.55 p.m

[IFFIRMAT]
*Davina Sammut Hili*
*Sindku*

[IFFIRMAT]
*M' Lourdes Lautier*
*Segretarju Eżekuttiv*

Approvati llum, 28 ta' Novembru 2016.